MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 507/2002

**Stivala Wholesale Caterers Limited**

**vs**

**Clouds Catering Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm2370 (elfejn tlett mija u sebghin lira Maltin), rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovuta ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata;**

**Bl-ispejjez tal-presenti u tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2002 u bl-imghax legali mill-25 ta' Jannar 1999 data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ngunta in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fid-28 ta' Novembru tas-sena 2002 meta gew epprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra is-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**